**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 24 ta' Novembru 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 59/2016 AL
*Fl-ismijiet*:

**A B**

**vs**

**C B**

**(Numru Progressiv tal-Att taż-Żwieġ: 2170/1988)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

*Illi l-partijiet izzewgu 1/12/1988 u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal li jisimhom D u E li ghadhom minorenni li pero mhumiex tal-intmat;*

[1] Fol. 1.

*Illi dan iz-zwieg tfarrak minhabba tortijiet imputabbli lill-intimat fosthom swat u eċċessi.*

*Illi l-esponenti giet awtorizzata sabiex tipprocedi ghas-separazzjoni personali b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Civili) Nota Nru 1601/15 u digriet numru 578/16.*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghala din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex taqta, tiddeciedi u tordna:*

1. *Tipronunzja s-separazzjoni personali bejn il-aprtijiet illi zwieg bejn il-konjugi B tkisser minhabba minacci, eccessi, mohqrija, theddid, adulterju, swat u abbandun u eccessiv u minhabba li l-hajja flimkien m'ghadhiex aktar possibli u ghax iz-zwieg tkisser irremedjabilment liema ragunijiet huma imputabbli lill-intimat;*

2. *Illi din l-Qorti ghandha tiddikjara ukoll illi l-intimat huwa hati tal-firda ghall-wahda mir-ragunijiet imsemmijin fil-Kodici Civili u ghalhekk ghandu jitlef a bazi tal-istess Kodici Civili il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 kif ukoll dak kollu li jkun kisbet mill-parti l-ohra b'donazzjoni bi hsieb taz-zwieg; jew waqt zwieg, jew taht titolu iehor gratwitu; kif ukoll kull jedd ta' parti miz-zwieg ghan-nofs tal-akkwisti li jkunu saru l-aktar bil-hidma tal-parti l-ohra wara data stabbilita mill-Qorti bhala d-data meta l-parti l-ohra ghandha tkun kunsiderata li minnha jkun hati tal-firda u ghalhekk tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet u dan billi tapplika dawn is-sanzjonjiet tal-ligi kontra l-istess konvenut;*

3. *Tiffissa retta alimentarja jew manteniment u l-modalitajiet tal-hlas tal-istess, favur r-rikorrenti;*

4. *Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri D u E tkun fdata f'idejn r-rikorrenti;*

5. *Tittermina, tillikwida u xxolji l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-konjugi B u taqsam u tassenja l-istess komunjoni bejn il-partijiet okkorrendo n-nomina tal-perit sabiex ifassal pjan ta qasma.*

*Bl-ispejjes kontra l-intimat li huwa ngunt ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, fejn ġie eċċepit:[2]

1. *Illi preliminarjament jiġi rivelat li l-konvenutjismu C B u mhux C B u ghaldaqstant dan il-fatt qed jigi migjub ghall-attenzjoni tal-attriċi sabiex tirregola ruhha;*

2. *Illi riferebbilment ghall-ewwel talba attrici, l-esponenti jiddikjara li jaqbel illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha tippronunzja s-separazzjoni personali a mensa et thoro bejn il-kontendenti izda joggezzjona bil-qawwa kollha illi s-separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet hiaj imputabbli lilu, izda kif ser jirrizulta ampjament mill-provi prodotti, dan iz-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser unikament gha ragunijiet imputabbli lill-attrici u dan proprju minhabba eccessi, abbandun u offizi gravi da parti taghha. Illi di piu, jigi rilevat illi r-rikorrenti konvenjentement naqset milli tinkludi fir-rikors guramentat taghha l-fatt li l-partijiet issa ilhom jghixu indipendentament minn xulxin ghal dawn l-ahhar tletin (30) sena;*

3. *Illi riferibbilment ghat-tieni talba attrici, din ghandha tigi michuda u dana stante l-fatt li kif ser jirrizulta ampjament mill-provi prodotti, kienet l-attrici stes li hija unikament responsabbli ghat-tifrik ta' dan iz-zwieg. Illi di piu ma hemm l-ebda assi in komuni bejn il-partijiet minkejja l-fatt li l-esponenti ma ghandux kontestazzjoni ghal tali talba ta' likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti;*

4. *Illi riferibbilment ghat-tielet talba, l-esponenti qed jopponi ghal hlas ta' xi forma ta' manteniment versu r-rikorrenti. Ulterjorment l-esponenti jgib ghall-attenzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti l-fatt illi l-minuri li dwarhom qed jintalab ihallas manteniment huma fil-fatt ulied haddiehor, u dan il-punt ser ikun qed jigi deciz f'kawza separata li ser ikollha effett dirett fuq dawn il-proceduri. Jinghad ukoll illi dawn il-minuri l-esponenti sar jaf bihom ricentament minkejja l-fatt li l-partijiet ilhom separati numru twal ta' snin;*

---

[2] Fol. 41.

5. *Illi riferibbilment ghar-raba' talba, l-esponent ma ghandu l-ebda oggezzjoni ghall-istess anki tenut kont tal-fatti elenkati fl-eccezzjoni precedenti;*

6. *Illi riferibbilment gha hames talba, l-esponent jaqbel li din l-Onorabbli Qorti ghandha xxolji l-komunjoni tal-akkwisti pero' joggezzjona ghan-nomina ta' Perit u dan stante li kif ser jirrizulta, la qatt kien hemm u wisq anqas fil-prezent jezistu xi assi in komuni bejn il-partijiet. Ghaldaqstant, kwalsiasi spejjez rigwardanti n-nomina ta' Perit ghandhom jigu sofferti mill-attrici*

7. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri skont il-kaz.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat iċ-Ċertifikat taż-Żwieġ tal-partijiet bin-numru progressiv 2170 tas-sena 1988;[3]

Rat id-digriet tal-2 ta' Marzu 2019, fejn il-Qorti għalqet il-medjazzjoni u awtorizzat lill-attur jipproċedi bil-kawża għas-separazzjoni personali fit-termini mposti mil-liġi;[4]

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistant Ġudizzjarju Dr Abigail Critien,[5] fejn minkejja li ġew miżmuma nhar is-7 ta' Diċembru 2020,[6] il-15 ta' Frar 2021,[7]it-8 ta' Ottubru 2021,[8] it-30 ta' Novembru 2021,[9] l-24 ta' Frar 2022,[10] il-25 ta' April 2022,[11] l-10 ta' Mejju 2022,[12] is-16 ta' Mejju 2022,[13] il-partijiet qatt ma tellgħu l-provi tagħhom;

---

[3] Fol. 4.
[4] Fol. 12.
[5] Maħtura għal tali fini fl-udjenza tat-22 ta' Jannar 2019, a fol. 43.
[6] Fol. 55.
[7] Fol. 58.
[8] Fol. 65.
[9] Fol. 68.
[10] Fol. 72.
[11] Fol. 74a.
[12] Fol. 76.
[13] Fol. 78.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[14]

Ikkunsidrat;

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

**1. L-Azzjoni Odjerna:**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob is-separazzjoni personali billi jiġi ddikjarat li C B huwa ħati għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom għar-ragunijiet kontemplati fl-Artikolu 38, 40 u 41 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Barra minn hekk, l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taż-żwieġ;

2. Tiddikjara illi l-konvenut iddekada mill-jedijiet imsemmija fl-Artikoli 631, 633, 825, 826 u 827 tal-Kodiċi Ċivili;

3. Tiffissa manteniment a favur l-attriċi;

4. Tiddikjara li l-kura u kustodja tal-minuri D u E, aħwa B, għandha tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u konsegwentament tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

Min-naħa l-oħra, il-konvenut jaqbel mas-separazzjoni personali, li l-kura u kustodja tal-minuri imsemmija tkun vestita f'idejn l-attriċi u max-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti, iżda joġġezzjona illi huwa jkun miżmum ħati u responsabbli għat-tifrik taż-żwieġ. Barra minn hekk, il-konvenut lanqas ma jaqbel li għandu jħallas manteniment versu l-attriċi

[14] Fol. 80.

**2. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ:**

Il-Qorti tara illi ż-żewġ partijiet ma resqu l-ebda prova sabiex jissotanzjaw il-verżjoni tagħhom kif prodotta fir-rikors promotur u r-risposta ġuramentata. Madanakollu l-Qorti tara illi hemm qbil illi tali separazzjoni tiġi dikjarata, iżda it-tnejn jattribwixxu tort lil xulxin. Għaldaqstant, jirriżulta b'mod inekwivoku illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan tenut kont tal-fatt ukoll illi mill-atti jirriżulta li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet. Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni odjerna hija ġustifikata abbażi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, b'dana illi l-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konklużjoni li ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u konsegwentament issib liż-żewġ partijiet ugwalment ħatja minħabba li l-ħajja flimkien m'għadhiex possibbli.

**3. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Konvenut:**

L-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' żewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili. Min-naħa tiegħu, il-konvenut jgħid illi tali disposizzjonijiet tal-liġi m'għandhomx japplikaw fil-konfront tiegħu.

Il-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi iebsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' dik il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi. Fil-każ odjern, iż-żewġ partijiet ġew misjuba ugwalment ħatja għat-tifrik taz-żwieġ, iżda kienet biss l-attriċi li resqet talba sabiex jiġu applikati s-sanzjonijiet kif elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Għaldaqstant il-Qorti fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tara li għandha tilqa' t-talba tal-attriċi f'dan ir-rigward u tapplika fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

**4. Manteniment għall-Attriċi:**

Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi titlob lil Qorti sabiex tordna lil konvenut iħallasha manteniment adegwat għaliha nnifisha. Madanakollu, il-Qorti tara li hija tinsab rinfaccjata b'nuqqas ta' provi rilevanti. B'hekk tali talba għandha tiġi miċħuda.

**5. Kura u Kutsodja tal-Minuri:**

L-attriċi titlob lil Qorti sabiex il-kura u kustodja taż-żewġt itfal li twieldu fiż-żwieġ, ossija ta' D u E, jiġu vestiti esklussivament f'idejha stante illi hi stess tammetti li ma humiex ulied il-konvenut. Min-naħa l-oħra, il-konvenut jaqbel ma tali talba. Għalhekk il-Qorti ma tarax għaliex għandha tiċħad tali talba.

**6. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu nhar l-1 ta' Diċembru 1988, din għandha titqies bħala d-data li fiha li ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom, u Elenku ta' dak kollu li huwa Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjonii tal-Istess*

Il-Qorti ma għandha l-ebda prova rigward dak li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet. Għalhekk ma hemmx lok illi tillikwida, tiddividi u tassenja porzjonijiet lil partijiet kontendenti.

**DEĊIDE:**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi ħtija esklussiva taż-żewġ partijiet b'mod ugwali u dan abbażi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili;

2. Tilqa' t-tieni talba u tapplika *in toto* fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kollha elenkati f'Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta;

3. Tiċħad it-tielet talba fir-rigward ta' manteniment għall-attriċi;

4. Tilqa' ir-raba' talba u tordna li l-kura u kustodja ta' D u E tkun vestita esklussivament f'idejn l-attriċi;

5. Tilqa' il-ħames talba billi tittermina u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti viġenti bejn il-partijiet, iżda tastjeni milli taħtar perit legali għal qasma tal-assi.

6. Tordna illi ai termini tal-Artikolu 35 subinċiż 3 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa 2170/1988 u konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi żmien tletin (30) jum mil-lum.

Bl-ispejjeż għandhom jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.